PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.9779 — Alstom/Bombardier Transportation)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 205/10)

1. Fil-11 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Alstom S.A. (Franza),

— Bombardier Transportation (Investment) UK Ltd (ir-Renju Unit).

Alstom takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta; Bombardier Transportation kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Alstom: l-industrija tat-trasport bil-ferrovija, inklużi soluzzjonijiet tat-trasport (minn ferroviji ta' veloċità għolja sa dawk ta' fuq il-linji prinċipali u dawk ta' taħt l-art, trammijiet u karozzi tal-linja elettroniċi), offerti ta' servizzi personalizzati (manutenzjoni u modernizzazzjoni) ddedikati għall-passiġġieri u l-infrastruttura, mobilità diġitali u soluzzjonijiet ta' sinjali;

— Bombardier Transportation: soluzzjonijiet tal-ferroviji, inklużi l-ferroviji, sottosistemi, sinjali, sistemi u servizzi ta' trasport kompluti lesti għall-użu.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9779 — Alstom/Bombardier Transportation

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:
European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË